MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 250/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Agius)
Vs
Jesmond Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn l-ahhar xhur :
*1.* b’diversi atti ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ingurja w diversi drabi hedded bil-mewt lil martu Sonia Azzopardi bil-kliem *“noqtlok u nisraqlek it-tifla u nahraq id-dar matrimonjali”;*
2. fit-30 ta’ Mejju, 2007, ghamel l-istess theddid lil Joanne Buhagiar Fiott, is-Service Leader fil-Qrati ta’ Malta f’isem agenzija Appogg u lil Head Mistress tal-iskola Carlo Diacono taz-Zejtun, Miss Ciappara, fejn hedded fuq il-

mezzi ta’ komunikazzjoni li darba jew ohra ser joqtol lil martu Sonia Azzopardi;
3. fis-7 ta’ Gunju, 2007, u f’okkazzjonijiet differenti fix-xhur ta’ qabel, uza network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici jew inkella uzah b’mod mhux kif imiss;
4. fis-7 ta’ Gunju, 2007 ingurja jew hedded lil WPC 176 Justine Grech, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li ghamlet, jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz.
5. fl-istess perjodu, f’okkazzjoni differenti, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen;
6. fl-istess jum, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;
7. sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fosthom tal-20 ta’ Settembru, 2006 u kiser garanzija personali mposta fuqu ta’ LM100 mill-Mag. Dr. J. Padovani Grima LL.D u ohra tat-28 ta’ Marzu, 2007 fejn gie wkoll marbut b’garanzija personali ta’ LM100 imposta fuqu mill-Mag. Dr. S. Demicoli LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 339(e), 338(bb) u (e) u 95(1) tal-Kodici Kriminal kif ukoll l-artikoli 35 (1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tas-sitt akkuzi dedotti kontrieh peress li s-seba’ akkuza kienet irtirata w ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghall-perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor soggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta’ sentejn. Fir-rigward ir-rimanenti akkuzi, tah il-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal LM100 multa.
In oltre ordnat ukoll il-hrug ta’ ordni ta’ supervizjoni li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka

w thassar is-sentenza appellata minhabba li ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali w ghaldaqstant tibghat lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza mill-gdid jew a tenur tal-artikolu 428(3) tiddiciedi hi din il-kawza, subordinatament, u f’kaz li tigi michuda t-talba tar-revoka tas-sentenza appellata, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni akkuza w tiddikjara din l-akkuza bhala assorbita fl-ewwel akkuza jew ripetizzjoni tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant minnha tilliberah, tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba’, l-hames u s-sitt akkuza, w tirrevoka wkoll il-piena inflitta w minnflok tikkundanna lill-appellant ghal piena li tkun wahda gusta, idoneja w proporzjonata ghall-fattispeci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :-

1. Illi fl-ewwel lok is-sentenza appellata hija nulla peress illi ma gewx citati l-artikoli tal-ligi kollha li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom l-appellant instab hati.
2. Illi l-appellant ma kellu qatt jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u dana billi r-reati kollha addebitati lilu kienu ta’ kompetenza originali tal-Qorti tal-Mmagistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, kif diga’ gie verbalizzat quddiem l-Ewwel Qorti, ma setghetx tinstab htija dwar it-tieni akkuza w dana ghar-raguni indikata fil-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2007 u cioe’ illi din l-akkuza kienet assorbita fl-ewwel akkuza, jew ripetizzjoni tal-istess.
4. Illi aktar minn hekk u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq premess, il-piena karcerarja inflita f’dan il-kaz hi wahda manifestament eccessiva w sproporzjonata fic-cirkostanzi tal-kaz, u lanqas kienet il-piena idoneja li kellha tinghata.  Illi effettivament il-Qorti kkundannat lill-

appellant il-piena massima li setghet tikkundannah ghaliha skond l-art. 31 (1)(g) tal-Kap. 9, liema piena imbaghad giet sospiza. Ir-reati kollha addebitati lill-appellant u li ghalihom inghata piena karcerarja sospiza kienu ta’ natura kontravvenzjonali, salv ghar-reat kontemplat fir-raba’ akkuza li f’kull kaz kien igorr il-piena tal-kontravvenzjonijiet skond is-sub inciz (2) tal-artikolu 95 tal-Kap. 9.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex ma gewx citati l-artikoli tal-ligi li tahthom l-Ewwel Qorti sabet htija.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Robert Abela ghall-appellant iddikjara li , hlief ghat-tielet imputazzjoni li - nonostante l-ammissjoni tal-appellant - m'ghandhiex tirrizulta, in vista tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Dr. Etienne Calleja LL.D."**, l-appellant kien qed jillimita l-appell tieghu ghall-piena.
Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant dwar in-nullita’ tas-sentenza appellata jidher fondat ghaliex, kif del resto taqbel anki l-Prosekuzzjoni, bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma gewx citati l-artikoli kollha li tahthom instabet htija mill-Ewwel Qorti.

Konsegwentement din il-Qorti se jkollha tannulla s-sentenza appellata w tiddeciedi l-kaz mill-gdid.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija. Vs. Dr. Etienne Calleja"** [22.8.2007], l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap. 9, imma akkuza bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola

Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004)**.**

Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat taht dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-

(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop
(b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali *standards* jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u
(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu **.**

Ikkonsidrat;

Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem **" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"** u "**jew tuzah b' mod mhux kif imiss"** f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku,

awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).

Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.

Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *“legal certainty.”* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub-inciz jkunu jistghu jigu *"attached*" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b'mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).
Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti, bhal fil-kaz ta' Etienne Calleja, tirritjeni li r-reat kontemplat taht it-tielet imputazzjoni u cioe’ ta’ uzu mhux kif imiss ta’ network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici ma japplikax ghal kaz in meritu u ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara minn issa li t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta fic-cirkostanzi.

Ghar-rigward tal-piena applikabbli ghall-akkuzi kollha l-ohra li huma reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali w bir-regoli tal-konkors applikabbli skond l-artikolu 17 tal-istess Kodici, l-piena ta’ tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn kienet wahda li taqa’ fil-parametri tal-Ligi w stante l-gravita’ tal-kaz u r-repetizzjoni

tal-istess theddid mhux biss kontra martu direttament imma anki fil-konfront ta' persuni ohra, kif ukoll meta titqies il-pedina penali refrattarja tal-appellant, jidher li fic-cirkostanzi din il-piena m'ghandix tigi mibdula.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li tiddikjara nulla s-sentenza appellata, ghax ma tirrispettax il-vot tal-Ligi kontenut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, qed tiddeciedi l-kaz mill-gdid u fil-waqt illi tiddikjara lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni u cioe' dik li uza apparat ta network telefoniku mhux kif imiss u mhux hati tal-addebitu tar-recidiva w minnhom tilliberah, issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu w bl-applikazzjoni tal-artikoli 17 u 18 tal-Kodici Kriminali u 28A tal-istess Kodici, tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), liema sentenza m'ghandix tidhol fis-sehh hlief jekk f'dawn is-sentejn l-appellant jerga jikkommetti reat iehor li jkun suggett ghal piena ta' prigunerija.

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellant ir-responsabilitajiet tieghu taht l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------